N. B. *Mitqlu* għandu l-pronom mehmuz f'tarf il-kelma biex ifisser: *it-toqol* tiegħu *deheb.*

(b) Xi ismijiet jinhemżu mal-*m* u jieħdu l-istess għamla u tifsir tal-participji *passati mimmati* tas-sura *mistgħân, mistrieħ.* Eżempju: *Raġel muswâf; raġel muxgħâr; għar mudlâm; Mejju mirjieħ; barri muqrân.*

(c). Il-partiċella *qabel* tinhemeż mal-*m* u ssir *moqbejl.*

**3. Xi ftit Sintassi fuq l-aġġettiv.**

(a) L-aġġettiv fil-grad posittiv jew komparattiv jimxi dejjem wara n-nom. Eżempju:— *Xogħol ħafif; laħam dgħif; dar ġdida; subgħajn iqsar; difrejn itwal.*

(b) Wara nom bl-artiklu, l-aġġettiv imur minngħajr artiklu mita bejn in-nom u l-aġġettiv hemm miftiehem verb jew pronom li qiegħed flok verb. Eżempju:— *Id-dar ġdida* = (*hi ġdida*). *Il-ktieb imqatta'* = (*huwa mqatta'*).

Jieħu l-artiklu mita rridu nagħżlu l-għamla ta' bejn ħaġa u oħra. Eżempju:— *Id-dar il-ġdida; il-Qolla s-Safra t'Għawdex; il-Qolla l-Bajda t'Għawdex; il-Gimgħa l-Kbira; il-Għid il-Kbir.*

(c) Isem wara l-ieħor joqgħod flok aġġettiv. Ikun miftiehem *donnu, donnha* jew *ta'* bejniethom. Eżempju:— *Mara raġel; idejn ħadid; ras kara'.*

(d) Isem wara aġġettiv mogħti lil nom ifisser il-għamla tal-istess aġġettiv imxebbha ma' dik tal-istess isem. Bejn l-aġġettiv u l-isem hemm miftiehma l-kelma *daqs* (*il*). Eżempju:— *Abjad karti; isfar lelluxa; kiesaħ silġ; iswed faħma.*

(e) Is-superlattiv isir bl-aġġettiv fil-grad komparattiv mehmuż mal-artiklu. Is-superlattiv jimxi quddiem in-nom. Eżempju:— *L-ixjieħ mara; l-ogħla raġel; l-aħjar wieħed; l-ikreh fostna.*

(f) Il-komparattiv (bit-tifsir ta' xebħ *bla tarf*) gie li jitfisser bil-partiċella *ma* mehmuża fil-bidu tal-aġġettiv fil-grad komparattiv. L-*m* tiftiehem li qiegħda flok il-partiċella *kemm* jew *bil-bosta.* Eżempju:— *M'akbru u m'isbħu!* = (*kemm hu kbir u sabih!*); *M'akbrek, Mulejja! M'isbaħna għal min jaf jarana!*

Il-qawl: *Ja mgħarraq!* mhux ħaġ'oħra ħlief wieħed minn dawn il-għamliet u għalhekk għandna nsemmgħuh u niktbuh sewwa. *Ja m'għarrek!* jew *m'agħarrek! Agħarrek* huwa komparattiv ta' *Ħażinek* u għalhekk il-qawl li dlonk ngħidu ifisser: *Kemm inti mill-eħżen* jew *mill-agħarr!*

A. C.

# FRAK

(BIEX MA JINTILEFX)

## GħASEL MALTI

(*fil-Karnival tal-1929.*)

F'l-ewwel bewsa li tatek dalgħodu
ix-xemx tielgħa minn xefaq tan-nar,
ħalli ngħidlek, ja Malta, xi ħsibtek
kollok tfewwaħ bis-sgħatar u ż-ż'har:

Stħajjilt lilek bħal ġarra tan-naħal,
u l-bniet tiegħek ferħ naħal sabiħ
li bla heda fik jaħżen il-għasel,
l-għasel ħelu tat-tjieba w tal-ġiħ.

* * *

## MALTA ĠAWHRA TAL-MEDITERRAN.

Dan il-baħar li jmewweġ ma' dwarek,
mera safi ta' l-isbaħ smewwiet,
dan il-baħar li jgħannqek u jbusek,
dan il-baħar ta' bosta ġrajjiet,

għandu ġawhra sabiħa fost l-isbaħ,
il-ġnus kollha fettxewha fiż-żmien—
Jekk di'l-ġawhra m'hix f'ħobbok moħbija,
Malta ħelwa, di'l-ġawhra m'hi mkien.

D. K.

TAGħRIFA: Dawn iż-żewġ għanjiet tqassmu u xterrdu mat-triqat tal-Belt nar il-karnival mill-bniet ta' l-iskola ta' Birkirkara, minn fuq żewġ karrijiet, wieħed xbiha ta' *Ferħ Naħal* mehdi jġorr il-għasel fil-ġarra tiegħu, l-ieħor xbiha ta' qoxra ta' gajdra jew arzella kbira b'xi ħjel ta' dniefel ma' dwarha, fejn MALTA kienet tidher bħala tfajla f'sikkitha b'ħafna bnejtiet magħha, il-koll liebsin lewn il-ġawhra u mgħammrin b'ħodon ġawhar, u f'idejhom u fuq sidirhom il-lwien tal-bandiera tagħna.

Id-disinni nħadmu mill-pittur Ġanni Vella u minn Mons. D. K. Psaila, u fil-konkors rebħu l-ewwel u t-tieni premju.